IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 6

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Protokoll dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Ħlief kif previst mod ieħor, id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK japplikaw għal dan il-Protokoll. Madankollu, id-definizzjonijiet li jinsabu fis-sitt edizzjoni tal-Gwida 2 tal-ISO/IEC: It-Termini Ġenerali u d-Definizzjonijiet Tagħhom dwar l-Istandardizzar u Attivitajiet Relatati tal-1991 ma japplikawx għal dan il-Protokoll. Japplikaw ukoll id-definizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

akkreditazzjoni tfisser attestazzjoni ta' terza persuna marbuta ma' korp tal-valutazzjoni tal-konformità li juri dimostrazzjoni formali tal-kompetenza tiegħu li jwettaq kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità.

korp ta' **akkreditazzjoni** tfisser korp awtoritattiv li jwettaq l-akkreditazzjoni[1];

attestazzjoni tfisser il-ħruġ ta' dikjarazzjoni fuq il-bażi ta' deċiżjoni wara rieżami, fejn ikun intwera l-issodisfar ta' rekwiżiti tekniċi speċifiċi.

Regolament tekniku Kanadiż ifisser regolament tekniku tal-gvern Nazzjonali tal-Kanada jew ta' waħda jew aktar mill-provinċji u t-territorji tagħha.

[1] Ġeneralment l-awtorità ta' korp ta' akkreditazzjoni tkun ġejja mill-gvern.

valutazzjoni tal-konformità tfisser proċess biex jiġi determinat jekk ġewx sodisfati r-rekwiżiti rilevanti fir-regolamenti tekniċi. Għall-fini ta' dan il-Protokoll, il-valutazzjoni tal-konformità ma tinkludix l-akkreditazzjoni;

korp ta' valutazzjoni tal-konformità tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità inkluż kalibrazzjoni, ittestjar, iċċertifikar u spezzjoni;

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tfisser id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE;

Regolament tekniku tal-Unjoni Ewropea tfisser regolament tekniku tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe miżura adottata minn Stat Membru li timplimenta Direttiva tal-Unjoni Ewropea;

korp intern tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità għall-entità li jifforma parti minnha, bħal, fil-każ tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, korp intern akkreditat li jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu R21 tal-Anness I għad-Deċiżjoni 768/2008/KE jew ir-rekwiżiti korrispondenti fi strument suċċessur;

objettiv leġittimu għandu l-istess tifsira bħal taħt l-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku tfisser il-*Ftehim dwar Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada*, li sar f'Londra fl-14 ta' Mejju 1998;

valutazzjoni tal-konformità minn terza persuna tfisser valutazzjoni tal-konformità li ssir minn persuna jew korp li huma indipendenti mill-persuna jew l-organizzazzjoni li tipprovdi l-prodott, u mill-interessi tal-utent f'dak il-prodott;

korp ta' valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jwettaq valutazzjonijiet tal-konformità minn parti terza.

Artikolu 2

Kamp ta’ applikazzjoni u eċċezzjonijiet

1. Dan il-Protokoll japplika għal dawk il-kategoriji ta’ oġġetti elenkati fl-Anness 1 li għalihom Parti tirrikonoxxi korpi mhux governattivi għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti mar-regolamenti tekniċi ta’ dik il-Parti.

2. Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom bil-għan li jitwessa' l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll permezz tal-modifika tal-Anness 1, biex jiġu inklużi kategoriji addizzjonali ta’ oġġetti li għalihom Parti tkun irrikonoxxiet korpi mhux governattivi għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità ta’ dawk l-oġġetti mar-regolamenti tekniċi ta' dik il-Parti fi jew qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-kategoriji ta’ oġġetti prijoritarji għall-kunsiderazzjoni huma stabbiliti fl-Anness 2.

3. Il-Partijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni pożittiva biex dan il-Protokoll ikun applikabbli għal kategoriji addizzjonali ta’ oġġetti li jistgħu jsiru soġġetti għal valutazzjoni tal-konformità minn terza persuna minn korpi mhux governattivi rikonoxxuti skont ir-regolamenti tekniċi adottati minn Parti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Għal dak il-għan, il-Parti għandha tgħarraf minnufih lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar kwalunkwe regolament tekniku bħal dan li jiġi adottat wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Jekk il-Parti l-oħra tesprimi interess li tinkludi kategorija ġdida ta’ oġġetti fl-Anness 1 iżda l-Parti notifikanti ma taqbilx dwar dan, il-Parti notifikanti għandha, fuq talba, tipprovdi lill-Parti l-oħra bir-raġunijiet li jiġġustifikaw ir-rifjut tagħha għall-espansjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-Protokoll.

4. Jekk f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3 l-Partijiet jiddeċiedu li jinkludu kategoriji addizzjonali ta’ oġġetti fl-Anness 1, għandhom jitolbu lill-Kumitat tal-Kummerċ fil-Prodotti, skont Artikolu 18(c), biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt tas-CETA biex jiġi emendat l-Anness 1.

5. Dan il-Protokoll ma japplikax:

(a) għal miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definit fl-Anness A għall-Ftehim SPS;

(b) għal speċifikazzjonijiet għal xiri mħejjija minn korp governattiv għall-ħtiġijiet ta' produzzjoni jew ta' konsum ta' dak il-korp;

(c) għal attivitajiet imwettqa minn korp mhux governattiv f'isem awtorità ta' sorveljanza tas-suq jew awtorità ta' infurzar fis-suq għal sorveljanza u infurzar wara t-tqegħid fis-suq, ħlief kif previst fl-Artikolu 11;

(d) jekk Parti tkun iddelegat awtorità esklussiva lil korp mhux governattiv uniku sabiex jivvaluta l-konformità ta' oġġetti mar-regolamenti tekniċi ta' dik il-Parti;

(e) għal oġġetti agrikoli;

(f) għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni, kemm jekk din tkun koperta taħt il-Ftehim dwar is-*Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea*, li sar fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009, kif ukoll jekk le; u

(g) għall-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni statutorji ta' bastimenti li mhumiex inġenji ta' rikreazzjoni.

6. Dan il-Protokoll ma jeħtieġx li Parti tirrikonoxxi jew taċċetta li r-regolamenti tekniċi tal-Parti l-oħra huma ekwivalenti għal tagħha.

7. Dan il-Protokoll ma jillimitax il-kapaċità ta' Parti li tħejji, tadotta, tapplika jew temenda l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK.

8. Dan il-Protokoll ma jaffetwax u lanqas ma jimmodifika l-liġijiet jew l-obbligi fit-territorju ta' Parti applikabbli għar-responsabbiltà ċivili.

Artikolu 3

Rikonoxximent ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Il-Kanada għandha tirrikonoxxi korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fl-Unjoni Ewropea bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma' regolamenti tekniċi Kanadiżi speċifiċi, taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għar-rikonoxximent ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-Kanada, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta' akkreditazzjoni rikonoxxut mill-Kanada, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma' dawk ir-regolamenti tekniċi Kanadiżi speċifiċi; jew

   (b) (i) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fl-Unjoni Ewropea jkun akkreditat, minn korp ta' akkreditazzjoni rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew l-Artikolu 15, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma' dawk ir-regolamenti tekniċi Kanadiżi speċifiċi;

   (ii) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fl-Unjoni Ewropea nħatar minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5;

   (iii) ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mhux riżolta skont l-Artikolu 6;

   (iv) il-ħatra magħmula skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5 ma tiġix irtirata minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; u

   (v) wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien ta' 30 jum imsemmi fl-Artikolu 6.1 jew 6.2, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fl-Unjoni Ewropea jkompli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha deskritti fl-Artikolu 5.5.

2. L-Unjonii Ewropea għandha tirrikonoxxi korp ta’ valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbilit fil-Kanada bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma’ regolamenti tekniċi speċifiċi tal-Unjoni Ewropea, taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għar-rikonoxximent ta’ korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) (i) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni maħtur minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma’ dawk ir-regolamenti tekniċi speċifiċi tal-Unjoni Ewropea;

(ii) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbilit fil-Kanada huwa maħtur mill-Kanada skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5;

(iii) ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mhux riżolta skont l-Artikolu 6;

(iv) il-ħatra magħmula skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5 ma tiġix irtirata mill-Kanada; u

(v) wara l-iskadenza tal-perjodu ta’ żmien ta’ 30 jum imsemmi fl-Artikolu 6.1 jew 6.2, il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbilit fil-Kanada jkompli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha deskritti fl-Artikolu 5.2. jew

(b) (i) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità stabbilit fl-Unjoni Ewropea jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew 15, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma’ dawk ir-regolamenti tekniċi speċifiċi tal-Unjoni Ewropea;

(ii) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbilit fil-Kanada huwa maħtur mill-Kanada skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5;

(iii) ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mhux riżolta skont l-Artikolu 6;

(iv) il-ħatra magħmula skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5 ma tiġix irtirata mill-Kanada; u

(v) wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien ta' 30 jum imsemmi fl-Artikolu 6.1 jew 6.2, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ta' terza persuna stabbilit fil-Kanada jkompli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha deskritti fl-Artikolu 5.2.

3. Kull Parti għandha żżomm u tippubblika lista ta' korpi rikonoxxuti ta' valutazzjoni tal-konformità li tinkludi l-kamp ta' applikazzjoni li għalih kull korp ikun rikonoxxut. L-Unjoni Ewropea għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-Kanada li huma rikonoxxuti taħt dan il-Protokoll, u għandha telenka dawk il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fis-sistema ta' informazzjoni tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Organizzazzjonijiet Innotifikati u Maħtura permezz tal-Approċċ il-Ġdid ("NANDO") jew sistema suċċessur.

Artikolu 4

Akkreditazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

Il-Partijiet jirrikonoxxu li korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jikseb akkreditazzjoni minn korp ta' akkreditazzjoni li jkun jinsab fit-territorju li fih ikun stabbilit il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, sakemm il-korp ta' akkreditazzjoni jkun ġie rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew 15 bħala li jista' jagħti l-akkreditazzjoni speċifika mitluba mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità. Jekk fit-territorju ta' Parti ma jkun hemm l-ebda korp ta' akkreditazzjoni rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew 15 bħala li jista' jagħti akkreditazzjoni speċifika mitluba minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fit-territorju ta' dik il-Parti, allura:

(a) kull Parti għandha tieħu l-miżuri raġonevoli li jistgħu jkunu disponibbli għaliha sabiex tiżgura li l-korpi ta' akkreditazzjoni fit-territorju tagħha jakkreditaw korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għal korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tagħha;

(b) Parti ma għandhiex tadotta jew tieħu miżuri li jillimitaw il-kapaċità ta' korpi ta' akkreditamenti fit-territorju tagħha milli jakkreditaw, jew tiskoraġġixxi lil dawk il-korpi ta' akkreditazzjoni milli jakkreditaw, taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għall-akkreditazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi, lil korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(c) Parti ma għandhiex tadotta jew tieħu miżuri li jeħtieġu jew li jinkoraġġixxu lil korpi ta' akkreditazzjoni fit-territorju tagħha biex japplikaw kundizzjonijiet għall-akkreditazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Parti l-oħra li huma anqas favorevoli minn dawk applikati għall-akkreditazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tagħha.

Artikolu 5

Il-ħatra ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Parti għandha taħtar korp ta' valutazzjoni tal-konformità billi tinnotifika lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra u tibgħat lil dak il-punt ta' kuntatt l-informazzjoni deskritta fl-Anness 3. L-Unjoni Ewropea għandha tippermetti lill-Kanada tuża l-għodda ta' notifika elettronika tal-Unjoni Ewropea għal dawk l-għanijiet.

2. Il-Kanada għandha taħtar biss korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin u għandha tieħu miżuri raġonevoli biex tiżgura li l-kundizzjonijiet ikomplu jiġu sodisfatti:

   (a) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu R17 tal-Anness I għad-Deċiżjoni 768/2008/KE, jew ir-rekwiżiti korrispondenti fi strumenti suċċessuri, ħlief li għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "stabbilit skont il-liġi nazzjonali" tiġi interpretata li tfisser il-liġi Kanadiża; u

(b) (i) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni maħtur minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità mar-regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' liema qiegħed jinħatar il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità; jew

(ii) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni stabbilit fil-Kanada li huwa rikonoxxut skont l-Artikoli 12 jew 15, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità mar-regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' liema qiegħed jinħatar il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità.

3. Il-Partijiet għadhom iqisu li ġew sodisfatti r-rekwiżiti applikabbli tal-Artikolu R17 tal-Anness I għad-Deċiżjoni 768/2008/KE meta l-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat skont kwalunkwe waħda mill-proċeduri deskritti fis-subparagrafu 2(b) u jekk il-korp ta’ akkreditazzjoni jkun jeħtieġ, bħala kundizzjoni għall-għoti tal-akkreditazzjoni, li l-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti ekwivalenti għar-rekwiżiti applikabbli tal-Artikolu R17 tal-Anness I għad-Deċiżjoni 768/2008/KE jew ir-rekwiżiti korrispondenti fi strumenti suċċessuri.

4. Jekk l-Unjoni Ewropea tikkunsidra li tirrevedi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu R17 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 768/2008/KE, hi għandha tikkonsulta lill-Kanada fl-aktar stadju bikri, u matul il-proċess kollu tar-rieżami bil-ħsieb li tiżgura li l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità fil-Kanada jkomplu jilħqu kwalunkwe rekwiżiti riveduti dwar kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn korpi ta' valutazzjoni ta' konformità fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

5. Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jaħtar biss korp ta’ valutazzjoni tal-konformità li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin u għandu jieħu miżuri raġonevoli sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ikomplu jiġu sodisfatti:

(a) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru; u

(b) (i) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni rikonoxxut mill-Kanada, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità mar-regolamenti tekniċi Kanadiżi fir-rigward ta' liema qiegħed jinħatar il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità; jew

(ii) il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità jkun akkreditat, minn korp ta’ akkreditazzjoni stabbilit fl-Unjoni Ewropea li jkun ġie rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew 15, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità mar-regolamenti tekniċi Kanadiżi fir-rigward ta' liema qiegħed jinħatar il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità.

6. Parti tista’ tirrifjuta li tirrikonoxxi korp ta’ valutazzjoni tal-konformità li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 jew 5, skont kif ikun il-każ.

Artikolu 6

Oġġezzjonijiet għall-ħatra ta’ korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità

1. Parti tista’ toġġezzjona għall-ħatra ta’ korp ta’ valutazzjoni tal-konformità, fi żmien 30 jum min-notifika mill-Parti l-oħra skont l-Artikolu 5.1, jekk:

(a) il-Parti li ħatret il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità naqset milli tipprovdi l-informazzjoni deskritta fl-Anness 3; jew

(b) il-Parti jkollha raġunijiet biex temmen li l-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità li ġie maħtur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.2 jew 5.5.

2. Wara kwalunkwe trażmissjoni sussegwenti ta’ informazzjoni mill-Parti l-oħra, Parti tista’ toġġezzjona fi żmien 30 jum mill-wasla ta’ dik l-informazzjoni, jekk l-informazzjoni tibqa' insuffiċjenti biex turi li l-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità maħtur jissodisfa l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 5.2 jew 5.5.

Artikolu 7

Kontestazzjonijiet għall-ħatriet ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. A Parti li tkun irrikonoxxiet korp ta' valutazzjoni tal-konformità taħt dan il-Protokoll tista' tikkontesta l-kompetenza ta' dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jekk:

   (a) il-Parti li ħatret il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma tkunx ħadet l-azzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 11.3, wara notifika mill-Parti l-oħra dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti tekniċi applikabbli ta' prodott li kien ġie vvalutat bħala li huwa f'konformità ma' dawn ir-regolamenti tekniċi minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità; jew

   (b) il-Parti jkollha raġunijiet biex temmen li r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu saru minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jipprovdux assigurazzjonijiet suffiċjenti li l-prodotti vvalutati minn dak il-korp bħala li jikkonformaw mar-regolamenti tekniċi applikabbli huma fil-fatt f'konformità ma' dawn ir-regolamenti tekniċi.

2. Parti li tikkontesta l-kompetenza ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità taħt dan il-Protokoll għandha tinnotifika minnufih lill-Parti li tkun ħatret lill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità bil-kontestazzjoni, u tipprovdi r-raġunijiet għall-kontestazzjoni.

3. Parti li:

   (a) tkun ikkontestat il-kompetenza ta' korp rikonoxxut ta' valutazzjoni tal-konformità taħt dan il-Protokoll; u

(b) jkollha raġunijiet fondati sew biex temmen li l-prodotti li ġew ivvalutati minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità bħala li huma f'konformità mar-regolamenti tekniċi applikabbli jistgħu ma jkunux konformi mar-regolamenti tekniċi tagħha,

tista' tirrifjuta li taċċetta r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità ta' dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità sakemm tiġi riżolta l-kontestazzjoni jew il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tkun waqfet tirrikonoxxi l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont il-paragrafu 5.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jagħmlu sforzi raġonevoli biex il-kontestazzjoni tiġi riżolta malajr.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' tieqaf tirrikonoxxi l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità li l-kompetenza tiegħu tkun qed tiġi kkontestata jekk:

(a) il-Partijiet jirriżolvu l-kontestazzjoni billi jikkonkludu li l-Parti li tkun qed tirrikonoxxi qajmet tħassib validu dwar il-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) il-Parti li jkun ħatret il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità tkun naqset milli twettaq l-azzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 11.3 fi żmien 60 jum wara li tkun ġiet notifikata skont is-subparagrafu 1(a); jew

(c) il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi oġġettivament turi lill-Parti l-oħra li r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu saru minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jipprovdux biżżejjed assigurazzjoni li l-prodotti vvalutati minnu bħala li jikkonformaw mar-regolamenti tekniċi applikabbli huma fil-fatt konformi ma' dawn ir-regolamenti tekniċi. u

(d) l-isfida ma ġietx riżolta fi żmien 120 jum wara li l-Parti li jkun ħatar il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jiġi nnotifikat bl-isfida skont il-paragrafu 1.

Artikolu 8

Irtirar ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Parti għandha tirtira l-ħatra, jew timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħatra, skont kif ikun xieraq, ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità li tkun ħatret jekk il-Parti ssir taf li:

   (a) ikun tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità;

   (b) tiskadi l-akkreditazzjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità;

   (c) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra deskritti fl-Artikolu 5.2 jew 5.5; jew

   (d) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunx għadu jista', jew inkella b'xi mod ieħor ma jkunx għadu kompetenti jew kapaċi, li jivvaluta l-konformità li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni li għalih inħatar.

2. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar l-irtirar jew il-modifika tal-kamp ta' applikazzjoni ta' ħatra skont il-paragrafu 1.

3. Meta Parti tirtira l-ħatra jew timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħatra ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità minħabba tħassib dwar il-kompetenza jew dwar jekk dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għadux kapaċi jissodisfa r-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa soġġett skont l-Artikolu 5, hija għandha tikkomunika lill-Parti l-oħra r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha bil-miktub.

4. Meta tikkomunika mal-Parti l-oħra, Parti għandha tindika d-data li fiha tqis li xi waħda mill-kundizzjonijiet jew tħassib enumerati skont il-paragrafi 1 jew 3 setgħet applikat għall-korp ta' valutazzjoni tal-konformità.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7.5, il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' minnufih tieqaf tirrikonoxxi korp ta' valutazzjoni tal-konformità bħala kompetenti jekk:

(a) tiskadi l-akkreditazzjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jirtira r-rikonoxximent tiegħu b'mod volontarju;

(c) il-ħatra tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità tiġi irtirata skont dan l-Artikolu;

(d) il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunx għadu stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(e) il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi ma tibqax tirrikonoxxi l-korp ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont Artikolu 13 jew 14.

Artikolu 9

Aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni ta' konformità minn korpi rikonoxxuti ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Parti għandha taċċetta r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra li l-Parti tirrikonoxxi skont l-Artikolu 3 taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għar-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru minn korpi rikonoxxuti ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tagħha. Il-Parti għandha taċċetta dawn ir-riżultati irrispettivament min-nazzjonalità u mill-post tal-fornitur jew tal-manifattur, jew tal-pajjiż tal-oriġini tal-prodott li għalih isiru l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità.

2. Jekk Parti ma tibqax tirrikonoxxi korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra, tista' tieqaf taċċetta r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità mid-data li fiha waqfet tirrikonoxxi dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità. Sakemm il-Parti ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra ma kienx kompetenti biex jivvaluta l-konformità ta' prodotti mar-regolamenti tekniċi tal-Parti qabel id-data li fiha l-Parti ma baqgħetx tirrikonoxxi dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, il-Parti għandha tkompli taċċetta r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu saru minn dak il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità qabel id-data li fiha l-Parti tkun waqfet tirrikonoxxi l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, minkejja li l-prodotti setgħu tqiegħdu fis-suq tal-Parti wara dik id-data.

Artikolu 10

L-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni ta' konformità minn korpi interni stabbiliti fil-Kanada

1. L-Unjoni Ewropea għandha taċċetta r-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru minn korp intern akkreditat stabbilit fil-Kanada taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għar-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru minn korp intern akkreditat stabbilit fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, sakemm:

   (a) il-korp intern stabbiliti fil-Kanada jkun akkreditat, minn korp ta' akkreditazzjoni li jkun inħatar minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma' dawk ir-regolamenti tekniċi; jew

   (b) il-korp intern stabbilit fil-Kanada jkun akkreditat, minn korp ta' akkreditazzjoni li jkun ġie rikonoxxut skont l-Artikolu 12 jew 15 bħala kompetenti biex jivvaluta l-konformità ma' dawk ir-regolamenti tekniċi.

2. Jekk, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kanada ma jkollha l-ebda proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li tipprevedi t-twettiq ta' attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità minn korpi interni u wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kanada tikkunsidra li tiżviluppa proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jipprevedu t-twettiq ta' attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità minn korpi interni, għandha tikkonsulta mal-Unjoni Ewropea fl-aktar stadju bikri tal-proċess tat-tfassil tar-regoli, u matulu kollu, bil-għan li tiżgura li korpi interni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea jistgħu jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit stabbilit f'dawk id-dispożizzjonijiet b'kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn korpi interni stabbiliti fil-Kanada.

3. Ir-riżultati skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu aċċettati irrispettivament mill-pajjiż tal-oriġini tal-prodott li għalih ikunu saru l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità.

Artikolu 11

Sorveljanza tas-suq, infurzar u salvagwardji

1. Ħlief għall-proċeduri doganali, Parti għandha tiżgura li l-attivitajiet imwettqa mill-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq jew minn awtoritajiet tal-infurzar għall-ispezzjoni jew il-verifika tal-konformità mar-regolamenti tekniċi applikabbli għall-prodotti vvalutati minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxut stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra jew minn korp intern li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10, isiru taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk imwettqa fir-rigward ta' prodotti vvalutati mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fit-territorju tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw kif meħtieġ fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

2. Jekk it-tqegħid jew l-użu ta' prodott fis-suq jista' jikkompromett i t-twettiq ta' objettiv leġittimu, Parti tista' tadotta jew tieħu miżuri fir-rigward ta' dak il-prodott dejjem jekk dawn ikunu konsistenti ma' dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-irtirar tal-prodott mis-suq, il-projbizzjoni tat-tqegħid jew tal-użu tiegħu fis-suq jew ir-restrizzjoni tal-moviment tiegħu fis-suq. Parti li tadotta jew tieħu miżuri bħal dawn għandha tgħarraf minnufih lill-Parti l-oħra u, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi r-raġunijiet tagħha għall-adozzjoni jew għaż-żamma ta' dawn il-miżuri.

3. Malli Parti tirċievi lment bil-miktub mill-Parti l-oħra, li għandu jiġi sostnut minn evidenza, li l-prodotti vvalutati minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità li l-Parti tkun ħatret ma jikkonformawx mar-regolamenti tekniċi applikabbli, hija għandha:

   (a) tfittex minnufih informazzjoni addizzjonali mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità maħtur, mill-korp ta' akkreditazzjoni tiegħu u minn operaturi rilevanti meta dan ikun meħtieġ;

   (b) tinvestiga l-ilment; u

   (c) tipprovdi tweġiba bil-miktub għall-ilment lill-Parti l-oħra.

4. Parti tista' tieħu l-azzjonijiet fil-paragrafu 3 permezz ta' korp ta' akkreditament.

Artikolu 12

Rikonoxximent ta' korpi ta' akkreditament

1. Parti ("Parti li tkun qed tirrikonoxxi") tista', f'konformità mal-proċedura deskritta fil-paragrafi 2 u 3, tirrikonoxxi korp ta' akkreditazzjoni stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra ("Parti li tkun qed tinnomina") bħala kompetenti biex takkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità bħala, huma stess, kompetenti biex jivvalutaw il-konformità mar-regolamenti tekniċi rilevanti tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi.

2. Il-Parti nominanti tista' titlob li l-Parti l-oħra tirrikonoxxi korp ta' akkreditazzjoni stabbilit fit-territorju tagħha bħala kompetenti billi tipprovdi notifika lill-Parti li tkun qed tirrikonoxxi li tinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar dak il-korp ta' akkreditazzjoni ("korp ta' akkreditazzjoni nominat"):

(a) l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta’ kuntatt tiegħu;

(b) evidenza li l-awtorità tiegħu tkun ġejja mill-gvern;

(c) jekk jaġixxix fuq bażi mhux kummerċjali u mhux kompetittiva;

(d) evidenza tal-indipendenza tiegħu mill-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li jivvaluta u minn pressjonijiet kummerċjali, sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm kunflitti ta’ interess mal-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità;

(e) evidenza li huwa organizzat u mħaddem b’tali mod li tiġi salvagwardjata l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tiegħu u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jikseb;

(f) evidenza li kull deċiżjoni dwar l-attestazzjoni ta’ kompetenza ta’ korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità tittieħed minn persuna kompetenti li hija differenti minn dawk li jwettqu l-valutazzjoni;

(g) il-kamp ta’ applikazzjoni li għalih qed jintalab ir-rikonoxximent;

(h) evidenza tal-kompetenza tiegħu biex jakkredita korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni li għalih qed jintalab ir-rikonoxximent, b’referenza għal standards internazzjonali, gwidi u rakkomandazzjonijiet applikabbli, u standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità Ewropej jew Kanadiżi applikabbli;

(i) evidenza tal-proċeduri interni tiegħu sabiex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti u kontrolli interni adatti, inklużi l-proċeduri fis-seħħ għad-dokumentazzjoni tad-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-awtoritajiet ta’ persunal li jista' jaffettwa l-kwalità tal-valutazzjoni kif ukoll l-attestazzjoni ta’ kompetenza;

(j) evidenza tal-għadd ta' persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tiegħu, li għandu jkun biżżejjed għat-twettiq xieraq tal-kompiti tiegħu, u tal-proċeduri fis-seħħ għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-kompetenza tal-persunal involut fil-proċess ta' akkreditazzjoni;

(k) jekk huwiex maħtur għall-kamp ta' applikazzjoni li għalih qed jintalab ir-rikonoxximent fit-territorju tal-Parti li tkun qed tinnomina;

(l) evidenza tal-istatus tiegħu bħala firmatarju għal arranġamenti dwar ir-rikonoxximent multilaterali tal-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar l-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji ("ILAC") jew tal-Forum Internazzjonali tal-akkreditazzjoni ("IAF") u għal kwalunkwe arranġament ta' rikonoxximent reġjonali relatat; u

(m) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li hija meħtieġa.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li jista' jkun hemm differenzi bejn l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi tagħhom. Meta jeżistu tali differenzi, il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' tipprova tiżgura li l-korp ta' akkreditazzjoni nominat huwa kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità bħala kompetenti biex jivvalutaw il-konformità mar-regolamenti tekniċi rilevanti tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi. Il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' tissodisfa lilha nnifisha abbażi ta' dawn li ġejjin:

(a) arranġament li jistabbilixxi kooperazzjoni bejn is-sistemi ta' akkreditazzjoni Ewropej u Kanadiżi;

jew, fin-nuqqas ta' arranġament bħal dan,

(b) arranġament ta' kooperazzjoni bejn il-korp ta' akkreditazzjoni nominat u korp ta' akkreditazzjoni rikonoxxut bħala kompetenti mill-Parti li tkun qed tirrikonoxxi.

4. Wara talba magħmula skont il-paragrafu 2, u soġġett għall-paragrafu 3, Parti għandha tirrikonoxxi korp ta' akkreditazzjoni kompetenti stabbilit fit-territorju tal-Parti l-oħra taħt kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk applikati għar-rikonoxximent ta' korpi ta' akkreditazzjoni stabbiliti fit-territorju tagħha;

5. Il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi għandha twieġeb bil-miktub fi żmien 60 jum għal talba magħmula taħt il-paragrafu 2, u fit-tweġiba tagħha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) li tirrikonoxxi l-korp ta' akkreditazzjoni tal-Parti li tkun qed tinnomina bħala kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-kamp ta' applikazzjoni propost;

   (b) li se tirrikonoxxi l-korp ta' akkreditazzjoni tal-Parti li tkun qed tinnomina bħala kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-kamp ta' applikazzjoni propost wara emendi leġislattivi jew regolatorji neċessarji; Din it-tweġiba għandha tinkludi spjegazzjoni tal-emendi meħtieġa u kalkolu tal-perjodu ta' żmien meħtieġ għad-dħul fis-seħħ tal-emendi;

   (c) li l-Parti li tkun qed tinnomina tkun naqset milli tipprovdi l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 2. Din it-tweġiba għandha tinkludi dikjarazzjoni ta' liema informazzjoni hija nieqsa; jew

   (d) li ma tirrikonoxxix il-korp ta' akkreditazzjoni nominat bħala kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-kamp ta' applikazzjoni propost; Din id-dikjarazzjoni għandha tkun ġustifikata b'mod oġġettiv u motivat, u tiddikjara espliċitament il-kundizzjonijiet li taħthom jingħata rikonoxximent.

6. Kull Parti għandha tippubblika l-ismijiet tal-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Parti l-oħra li hija tirrikonoxxi, u għal kull korp ta' akkreditament, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi fir-rigward ta' liema tirrikonoxxi dak il-korp ta' akkreditament.

Artikolu 13

Il-waqfien tar-rikonoxximent ta' korpi ta' akkreditament

Jekk korp ta' akkreditazzjoni li huwa rikonoxxut minn Parti skont l-Artikolu 12 ma jibqax firmatarju ta' arranġament multilaterali jew reġjonali msemmi fis-subparagrafu (l) tal-Artikolu 12.2 jew ta' arranġament ta' kooperazzjoni tat-tip deskritt fl-Artikolu 12.3, il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' tieqaf tirrikonoxxi dak il-korp ta' akkreditazzjoni bħala kompetenti, kif ukoll kwalunkwe korp ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxut abbażi tal-fatt li kien akkreditat biss minn dak il-korp ta' akkreditament.

Artikolu 14

Kontestazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' korpi ta' akkreditament

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13, il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' tikkontesta l-kompetenza ta' korp ta' akkreditazzjoni li tkun rikonoxxiet skont is-subparagrafi (a) jew (b) tal-Artikolu 12.5 abbażi tal-fatt li l-korp ta' akkreditazzjoni ma għadux aktar kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità bħala li, huma stess, kompetenti biex jivvalutaw il-konformità mar-regolamenti tekniċi rilevanti tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi. Il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi għandha tinnotifika minnufih lill-Parti li tkun qed tinnomina dwar il-kontestazzjoni u għandha tiġġustifika r-raġunijiet tagħha b'mod oġġettiv u motivat.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jagħmlu sforzi raġonevoli biex il-kontestazzjoni tiġi riżolta malajr. Jekk ikun hemm arranġament ta' kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 12.3, il-Partijiet għandhom jiżguraw li s-sistemi jew il-korpi ta' akkreditazzjoni Ewropej u Kanadiżi, imsemmija fl-Artikolu 12.3, ifittxu li jirriżolvu l-kontestazzjoni f'isem il-Partijiet.

3. Il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi tista' ma tibqax tirrikonoxxi l-korp ta' akkreditazzjoni nominat li l-kompetenza tiegħu qed tiġi kkontestata u kwalunkwe korp ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxut abbażi tal-fatt li kien akkreditat biss minn dak il-korp ta' akkreditazzjoni jekk:

(a) il-Partijiet, inkluż permezz tas-sistemi ta' akkreditazzjoni Ewropej u Kanadiżi, jirriżolvu l-kontestazzjoni billi jikkonkludu li l-Parti li tkun qed tirrikonoxxi qajmet tħassib validu dwar il-kompetenza tal-korp ta' akkreditazzjoni nominat; jew

(b) il-Parti li tkun qed tirrikonoxxi turi b'mod oġġettiv lill-Parti l-oħra li l-korp ta' akkreditazzjoni ma għadux kompetenti biex jakkredita korpi ta' valutazzjoni tal-konformità bħala, huma stess, kompetenti biex jivvalutaw il-konformità mar-regolamenti tekniċi rilevanti tal-Parti li tkun qed tirrikonoxxi. u

(c) il-kontestazzjoni ma tkunx ġiet riżolta fi żmien 120 jum wara li l-Parti nominanti tkun ġiet notifikata dwar il-kontestazzjoni.

Artikolu 15

Rikonoxximent ta' korpi ta' akkreditazzjoni fl-oqsma tat-telekomunikazzjoni u l-kompatibbiltà elettromanjetika

Għar-regolamenti tekniċi relatati ma' tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni, tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika, apparat li jintuża għall-komunikazzjoni bir-radju, u l-kompatibbiltà elettromanjetika, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-korpi ta' akkreditazzjoni rikonoxxuti minn:

(a) Il-Kanada, jinkludu:

(i) għal laboratorji tat-testijiet, kwalunkwe korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li huwa firmatarju għall-arranġament dwar rikonoxximent multilaterali tal-ILAC; u

(ii) għal korpi ta' ċertifikazzjoni, kwalunkwe korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li huwa firmatarju għall-arranġament dwar rikonoxximent multilaterali tal-IAF;

(b) l-Unjoni Ewropea, fosthom il-Kunsill tal-Istandards tal-Kanada, jew is-suċċessur tiegħu.

Artikolu 16

Tranżizzjoni mill-Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku

Il-Partijiet jaqblu li korp ta' valutazzjoni tal-konformità li kien inħatar taħt il-Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku huwa awtomatikament korp ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxut taħt dan il-Protokoll, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Komunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tidentifika punti ta' kuntatt responsabbli għall-komunikazzjonijiet mal-Parti l-oħra fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Protokoll.

2. Il-punti ta' kuntatt jistgħu jikkomunikaw permezz ta' posta elettronika, vidjokonferenzi jew mezzi oħra li jiddeċiedu dwarhom.

Artikolu 18

Il-Ġestjoni ta' dan il-Protokoll

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, il-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit taħt l-Artikolu 26.2.1 (a) (Kumitati Speċjalizzati) jinkludu:

(a) il-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll;

(b) l-indirizzar ta’ kwalunkwe kwistjoni li Parti tista’ tqajjem fir-rigward ta' dan il-Protokoll;

(c) l-iżvilupp ta’ rakkomandazzjonijiet għal emendi lil dan il-Protokoll sabiex dawn jiġu kkunsidrati mill-Kumitat Konġunt tas-CETA;

(d) it-teħid ta’ kwalunkwe pass ieħor li l-Partijiet iqisu li se jgħinhom fl-implimentazzjoni ta’ dan il-Protokoll; u

(e) rappurtar lill-Kumitat Konġunt tas-CETA dwar l-implimentazzjoni ta’ dan il-Protokoll, kif xieraq.

ANNESS 1

KOPERTURA TAL-PRODOTTI

(a) Tagħmir tal-elettriku u elettroniku, inklużi installazzjonijiet u apparat elettriku, u komponenti relatati;

(b) Tagħmir terminali tar-radju u tat-telekomunikazzjoni;

(c) Kompatibbiltà elettromanjetika (EMC);

(d) Ġugarelli;

(e) Prodotti tal-kostruzzjoni;

(f) Makkinarju, inklużi parts, komponenti, fosthom komponenti tas-sigurtà, tagħmir interkambjabbli, u assemblaġġi ta' magni;

(g) Strumenti ta' kejl;

(h) Bojlers tal-misħun, inkluż apparat relatat;

(i) Tagħmir, magni, apparat, strumenti, komponenti ta' kontroll, sistemi ta' protezzjoni, apparat tas-sigurtà, apparat ta' kontroll u apparat li jirregola, u strumentazzjoni relatata u sistemi ta' prevenzjoni u intraċċar għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi (tagħmir ATEX);

(j) Tagħmir li jintuża barra minħabba li jittratta emissjonijiet akustiċi fl-ambjent; u

(k) Inġenji ta' rikreazzjoni, inklużi l-komponenti tagħhom.

ANNESS 2

IL-KATEGORIJI PRIJORITARJI TA' MERKANZIJA GĦAL KUNSIDERAZZJONI GĦAL INKLUŻJONI FL-ANNESS 1 SKONT L-ARTIKOLU 2.2

(a) Apparat mediku inklużi l-aċċessorji;

(b) Tagħmir tal-pressjoni, inklużi reċipjenti, pajping, aċċessorji u assemblaġġi;

(c) Apparat li juża fjuwils kombustibbli, inklużi fittings relatati;

(d) Tagħmir personali protettiv;

(e) Sistemi ferrovjarji, Subsistemi u kostitwenti ta' interoperabbiltà; u

(f) Tagħmir li jitqiegħed abbord vapur

ANNESS 3

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA BĦALA PARTI MINN ĦATRA

L-informazzjoni li Parti għandha tipprovdi meta taħtar korp ta' valutazzjoni tal-konformità hija kif ġej:

(a) f'kull każ:

(i) il-kamp ta' applikazzjoni tal-ħatra (li ma għandux jaqbeż il-kamp ta' applikazzjoni ta' akkreditazzjoni ta' dak il-korp);

(ii) iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni relatat tal-akkreditazzjoni;

(iii) l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-korp; u

(b) meta Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jaħtar korp ta' ċertifikazzjoni, ħlief fir-rigward tar-regolamenti tekniċi deskritti fl-Artikolu 15:

(i) il-marka taċ-ċertifikazzjoni reġistrata tal-korp ta' ċertifikazzjoni, inkluża d-dikjarazzjoni ta' kwalifikazzjoni[1]; u

[1] Normalment id-dikjarazzjoni ta' kwalifikazzjoni tieħu l-forma ta' "ċ" żgħira mqiegħda ħdejn il-marka taċ-ċertifikazzjoni reġistrata tal-korp ta' ċertifikazzjoni biex tindika li prodott jikkonforma mar-regolamenti tekniċi Kanadiżi applikabbli.

(c) meta Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jaħtar korp ta’ valutazzjoni tal-konformità fir-rigward tar-regolamenti tekniċi deskritti fl-Artikolu 15:

(i) fil-każ ta’ korp ta’ ċertifikazzjoni:

(A) l-identifikatur uniku tiegħu[1];

(B) applikazzjoni għal rikonoxximent iffirmata mill-korp skont is-CB-01 (Rekwiżiti għall-Korpi ta’ Ċertifikazzjoni), jew mis-suċċessur tiegħu; u

(C) lista ta’ kontroll b’kontro referenza mimlija mill-korp b’evidenza li jissodisfa l-kriterji ta’ rikonoxximent applikabbli skont is-CB-02 (Kriterji ta’ Rikonoxximent, u Rekwiżiti Amministrattivi u Operattivi Applikabbli għall-Korpi ta’ Ċertifikazzjoni (CB) għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Apparat tar-Radju mal-Istandards u l-Ispeċifikazzjonijiet ta’ Industry Canada), jew mis-suċċessur tiegħu; u

(ii) fil-każ ta’ laboratorju tal-ittestjar:

(A) l-identifikatur uniku tiegħu; u

(B) applikazzjoni għal rikonoxximent iffirmata mill-korp skont l-REC-LAB (Proċedura għar-Rikonoxximent ta’ Laboratorji tal-Ittestjar Barranin Maħtura minn Industry Canada), jew mis-suċċessur tiegħu; u

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra skont kif jista’ jiġi deċiż b’mod konġunt mill-Partijiet.

_____

[1] Identifikatur uniku b’sitt karattri magħmul minn żewġ ittri (normalment il-kodiċi tal-pajjiż skont ISO 3166) segwiti minn erba' numri.